# FLORA U FAWNA TAL- GŻEJJER MALTIN
## WIDNET IL-BAĦAR

**Widnet il-Baħar (Ingliż: Maltese Rock Centaury) hija l-pjanta nazzjonali ta' Malta. Il-Widnet il-Baħar u l-Merill ġew identifikati bħala l-pjanta u l-għasfur nazzjonali tagħna fl-1971.**

**Isem Xjentifiku:** Fl-1830, il-botanist Malti Stefano Zerafa, iddeskriva speċi ġdida ta' pjanti minn Wied Babu (Żurrieq) u taha l-isem xjentifiku Centaurea crassifolia. Xi snin wara, dan l-isem inbidel f'Centaurea spatulate. Eventwalment, l-isem xjentifiku tal-Widnet il-Baħar inbidel għal Palaeocyanus crassifolius. Dan reġa' nbidel meta riċerka addizzjonali kkonfermat li din il-pjanta hija ta' tip differenti. Illum, l-isem xjentifiku tal-Widnet il-Baħar hu Cheirolophus crassifolius. Cheirolophus tirreferi għall-fatt li l-weraq tal-blanzun għandhom għamla t'id, filwaqt li crassifolius tfisser weraq imlaħħma.

**Deskrizzjoni:** Bħala membru tal-familja Asteraceae, din il-pjanta tħaddar is-sena kollha u tagħmel fjuri b'petali rqaq ta' lewn vjola li jserrħu fuq zokk twil. Il-weraq għandhom għamla ta' paletti mlaħħma.

**Firxa:** Il-Widnet il-Baħar hija speċi endemika, jiġifieri ma tinstab imkien aktar barra l-Gżejjer Maltin. Ta' min jinnota wkoll li l-firxa fil-Gżejjer Maltin hija limitata. Infatti, din tinsab l-aktar fl-irdumijiet li jħarsu lejn in-Nofsinhar, fosthom dawk f'Għawdex, però ma tinsabx f'Kemmuna. Matul l-aħħar snin, il-Widnet il-Baħar qed tixxettel ukoll fil-ġonna u fir-roundabouts.

**Stat:** Komuni.

**Abitat:** Din l-ispeċi hija limitata għall-irdumijiet kostali mal-ġnub tal-widien li jħarsu lejn in-Nofsinhar u l-Lbiċ.

**Staġun tal-Fjuri:** Il-Widnet il-Baħar twarrad bejn Mejju u Lulju, għalkemm f'xi snin, din tibqa' tiffjorixxi sal-aħħar ta' Settembru.

**Konservazzjoni:** Il-Widnet il-Baħar hija mhedda bit-telf tal-abitat u bil-qtugħ illegali. Din il-pjanta hija protetta bil-liġi u ma tistax tinqata'.



© 2021 Heritage Malta Publishing